

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.7115 – Kuraray/GLSV Business)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2014/C 74/05)

1. Fis-6 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Kuraray Co., Ltd. ("Kuraray", il-Ġappun) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll esklussiv ta' Glass Laminating Solutions/Vinyls Business ("In-Negozju fil-Mira") ta' E. I. du Pont de Nemours and Company ("DuPont", USA), permezz ta' xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Kuraray: manifattur ta' kimiki, fibri u materjali speċjalizzati, fosthom reżini funzjonali u film, fosthom il-film tal-PVB li jintuża bħala bħala saff intermedju fil-ħġieġ tas-sikurezza,
- għan-Negozju fil-Mira: L-unità ta' negozju ta' Glass Laminating Solutions/Vinyls Business ta' DuPont Performance Materials li timmanifattura u tfori fost l-oħrajn il-film tal-PVB u prodotti ta' saffi intermedji tal-ħġieġ mibjugħa taħt il-marka kummerċjali Sentryglas.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal- dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7115 – Kuraray/GLSV Business, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").